**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Żammit**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 20 ta' Jannar 2021**

**Talba Nru: 452/18 CZ**

**Edward Caruana Soler**
**vs.**

**Maria Carmela Cauchi**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tal-attur imressqa fil-11 ta' Settembru 2018 fejn talab lit-Tribunal jikkundanna lill-konvenuta thallsu s-somma ta' tlett'elef tmin mija u tlettax-il Euro u tnejn u hamsin centezmu (€3,813.52) dovuta minnha b'rifuzjoni ta' flejjes appartenenti lill-attur u ricevuti minnha minghand terzi, ossia d-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali, u l-bank Banif in konnessjoni mal-card tal-PAVI Supermarket, fuq struzzjoni u fil-kwalita' taghha ta' mandatarja tal-istess attur.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali ezekuttiva tal-24 t'Awwissu 2018, u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata ta' dan l-Avviz tat-Talba kontra l-konvenuta li tibqa' ingunta minn issa ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuta imressqa fit-28 ta' Settembru 2018 li biha eccepiet:

Illi t-Talba tal-attur ghandha tigi michuda, bl-ispejjez kontra l-istess, u dan ghas-segwenti ragunijiet:

1. Fl-ewwel lok, in linea preliminari, jehtieg li l-attur jindika b'mod aktar car liema parti tas-somma pretiza minnu allegatament tirrifletti rifuzjoni ta' flejjes percepiti jew relatati mad-Direttur tas-Sigurta' Socjali u mal-card tal-PAVI Supermarket; fil-prezenti nuqqas ta' din il-kjarifika, l-esponenti tirrizerva u zzomm shih id-dritt taghha li tressaq eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.
2. Fit-tieni lok, l-esponenti tikkontesta bis-shih illi hija qatt hadet u/jew uzat flus propjeta' tal-attur minghajr il-permess jew il-buona volonta' tieghu; anzi tissottometti illi kwalunkwe flus li l-attur kien jghaddilha kienu dejjem imorru verswu l-ispejjez li hija kienet tinkorri ta' kull xahar biex tmantni u zzomm lill-attur gewwa proprjeta' taghha.
3. Fit-tielet lok, u in sostenn tas-suespost, il-PAVI Card li jilmenta minnha l-attur dejjem kienet il-propjeta' esklussiva tal-esponenti u kwalunkwe uzu taghha mill-attur dejjem sar bi buona volonta' taghha u mhux ghax din il-card kienet proprjeta' tieghu.
4. Fir-raba' lok, u kif se jirrizulta bic-car waqt is-smiegh ta' din il-kawza, it-talba tal-attur ma hija xejn hlief atttentat iehor sabiex huwa jkompli jivvessa lill-esponenti wara li din giet kostretta tkeccieh mill-proprjeta' taghha stante li ma kienx qed igib ruhu sew kemm maghha kif ukoll ma' familtha.

5. Fil-hames lok, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-attur irid jipprova l-fondatezza tat-talba tieghu;
6. Fl-ahhar lok, mill-bqija, it-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

It-Tribunal:

Ra l-atti;

Sema’ x-xiehda tal-attur[1], Shaun Apap Meli[2], Stephen Baldacchino[3], il-konvenuta[4], Aldo Ellul[5], ra l-affidavit tal-konvenuta[6], sema’ lill-attur in kontro-ezami[7], u lill-konvenuta wkoll in kontro-ezami[8].

Sema’ t-tratazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet;

Ra li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidra:

[1] Fol. 17 u xehed mill-gdid a fol. 52
[2] Fol. 20A u xehed mill-gdid a fol. 34
[3] Fol. 20E,
[4] Fol. 39
[5] Fol. 46
[6] Fol. 66
[7] Fol. 76
[8] Fol. 86

Illi l-fatti kif jirrizultaw mill-atti huma s-segwenti:

Illi l-partijiet iltaqghu u bdew relazzjoni, tant li l-attur mar joqghod id-dar tal-konvenuta, li dak iz-zmien kienet qed tilqa' fiha xi studenti.

Illi l-attur ma setax jaghmel kontijiet tal-bank fuq ismu, minhabba li kien qed jibza' li ha jkun hemm kontrieh xi mandati, peress li kien debitur ta' xi bank. Fl-2013 l-attur applika biex jibda jircievi l-beneficcji socjali, u t-talba tieghu intlaqghet. Ghar-raguni appena msemmija, fetah kont mal-bank Banif, li ma kienx f'ismu izda f'isem il-konvenuta, u fih beda jircievi l-beneficcji socjali, fosthom il-pensjoni.

Illi l-konvenuta sahansitra harget prokura favur l-attur, u dan fil-11 ta' Frar 2014, sabiex ikun jista' juza l-kont tal-Banif huwa direttament.

Illi l-partijiet ghamlu snin f'din is-sitwazzjoni, fis-sens illi l-beneficcji socjali baqghu jidhlu fil-kont tal-Banif, u minn dan il-kont l-attur kien jigbed il-flus permezz tad-debit card tal-Banif.

Illi l-konvenuta ma taqbilx illi kien hemm relazzjoni bejn il-partijiet; taccetta izda illi l-partijiet ghamlu snin jghixu taht l-istess saqaf. Fuq dan il-punt it-Tribunal josserva illi minn dak li rrizulta mix-xiehda, il-partijiet kienu jghixu bhala koppja, u ghalhekk l-allegazzjoni tal-konvenuta li ma kellhiex relazzjoni mal-attur mhijiex verosimili.

Illi rrizulta illi l-prokura li kienet inhareg fil-11 ta' Frar 2014 giet sussegwentement revokata fid-29 ta' Lulju 2017.

Illi jidher li hemm qbil li l-partijiet temmew ir-relazzjoni ta' bejniethom fi Frar 2017, u l-attur ma baqax jghix ghand il-konvenuta, ghalkemm il-konvenuta tghid li f'dan il-perjodu l-attur ghamel xi tliet xhur 'jghix' gol-karozza taghha.

It-Tribunal ikkunsidra ulterjorment:

Illi t-talba tal-attur hija bbazata fuq zewg talbiet. L-ewwel talba hija ghal ammont ta' hames mitt Euro (€500) li l-attur jghid hareg minn butu sabiex tqieghed l-ewwel depozitu f'VISA card ghax-xiri mill-PAVI Supermarket. Il-konvenuta tixhed illi dawn kienu hargu minn flusha, mentri l-attur insista li hallashom hu. Din il-card inbdiet fid-19 ta' Settembru 2013. Sa dakinhar mir-rendikont tal-kont tal-bank ma jidhirx li l-attur kien ghadu beda jircievi l-beneficcji socjali, ghaliex jidher li l-ewwel beneficcju kien thallas ftit jiem wara, cioe' fis-27 ta' Settembru 2013. Jirrizulta izda illi dakinhar li thallsu dawn il-hames mitt Euro (€500), ingibdu direttament minn bilanc ikbar ta' elf u tnejn u ghoxrin Euro u sebgha u sebghin centezmu (€1,022.77), li kienu diga' fil-kont tal-bank tal-konvenuta, u li kien jintuza mill-attur. Il-konvenuta nfisha xehdet illi hija ma kinitx tuza dan il-kont tal-bank, tant li kienet fethitu b'mod separat mill-kontijiet taghha, ma' bank differenti li hija qatt ma kienet uzat. F'dan ir-rigwad ghalkemm dwar il-hlas ta' dawn il-hames mitt Euro (€500) hemm verzjoni diammetrikament opposta bejn iz-zewg partijiet, it-Tribunal jara li huwa aktar verosimili li dawn thallsu mill-attur. Jidher ukoll illi f'dan il-kont kienu jidhlu wkoll xi depoziti ta' kontanti kull tant zmien, u l-konvenuta rrikonoxxiet illi l-attur kien gieli jaghmel car boot sale, li jidher li minnhom kien jippercepixxi xi qliegh separat.

Illi dwar dan il-hlas ta' hames mitt Euro (€500), ghalhekk, it-Tribunal jara illi l-verzjoni tal-attur hija iktar korroborata mill-provi prodotti, milli dik tal-attrici.

Illi jibqa' mbaghad il-bqija tas-sorte, fejn l-attur qed jitlob rifuzjoni ta' flejjes skond hu depozitati mid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali fil-kont fuq imsemmij intestat fuq il-konvenuta, u li hu ma lahaqx ha peress li r-relazzjoni tal-partijiet intemmet, u l-flus baqghu jidhlu fil-kont tal-konvenuta u allura a favur taghha biss. Mix-xiehda tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali, u specifikament mir-rendikont prodott[9], jirrizulta illi fil-perjodu imsemmi mill-attur (u cioe' l-perjodu minn wara li ntemmet ir-relazzjoni u sakemm inbidel il-kont tal-bank fejn l-attur kellu jircievi l-pensjoni) id-Dipartiment kien hallas tlett'elef, sitt mija u erbgha u disghin Euro u sebgha u sebghin centezmu

[9] Fol. 21

(€3,694.77). Dan kien ghall-perjodu bejn l-1 ta' Frar 2017 u l-31 ta' Lulju 2017. Mir-rendikont tal-kont tal-bank, jirrizulta wkoll illi dawn il-hlasijiet saru. Dwar dawn il-hlasijiet, il-konvenuta fl-affidavit taghha tghid:

> Nghid illi l-flus li kienu dahlu wara li rrevokajt il-prokura, zammejthom sabiex inkun nista' naghmel tajjeb ghal parti mill-ispejjez lis-Sur Soler kien dahhalni fihom. Hekk jew b'hekk huwa kien dejjem jghidli lid awk il-flus kienu hemm gha dak kollu li jien kont qieghda naghmel mieghu.

Illi fil-verita' l-attrici b'dan il-mod qieghda tammetti fix-xiehda taghha stess illi kien hemm verament flejjes li kienu dahlu fil-kont taghha, li kienu jappartjenu lill-attur, u li fil-fatt zammithom hi (ghalkemm il-prokura giet revokata f'Lulju 2017, u mhux fi Frar). It-Tribunal jinnota pero' illi f'dn il-kawza ma hemm l-ebda kontro-talba formali min-naha tal-konvenuta, u mhuwiex mifhum ezattament l-attrici x'riedet tfisser bl-'ispejjez li l-attur dahhalha fihom'.

Illi l-attur xehed ukoll illi minn mindu temmew ir-relazzoni hu ma gibidx iktar flus mill-ATM tal-Banif. Ma jidhirx illi r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet intemmet bi ftehim bejn il-partijiet. L-attur halla xi oggetti ghand il-konvenuta, u kien hemm anke xi proceduri kriminali li kellhom x'jaqsmu ma' terza persuna li l-konvenuta bdiet relazzjoni maghha. Il-konvenuta stess xehdet illi wara li ntemmet ir-relazzjoni taghhom, fit-tliet xhur ta' wara li fihom l-attur kien qed jghix fil-karozza taghha, kienet gieli ttieh hames Euro (€5). It-Tribunal jikkonsidra illi kieku l-attur kien qed jigbed il-flus tal-pensjoni teghu stess mill-ATM, bhal ma kien jaghmel qabel, ma kien ikollu l-ebda bzonn li jircievi flus minghand il-konvenuta. Ghalhekk it-Tribunal jara wkoll iktar verosimili l-verzjoni tal-attur fis-sens illi wara li ntemmet ir-relazzjoni, filwaqt li d-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali baqa' jhallas il-beneficcji, l-attur ma ha xejn. Skond ir-rendikont maghmul mid-Dipartiment, jidher li d-Dipartiment fil-fatt bhala beneficcji fil-perjodu rilevanti hallas iktar minn kemm qed jitlob l-attur f'din il-kawza; u ghalhekk certament l-ammont mitlub huwa kollu dovut. Ghalhekk, ghal dawn ir-ragunijiet anke din it-talba tal-attur tisthoqq li tintlaqa'.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, jilqa' t-talbiet tal-attur, u jordna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' tlett'elef, tmin mija u tlettax-il Euro u tnejn u hamsin centezmu (€3,813.52), bl-imghax mid-data tal-prezentata ta' din il-kawza sal-hlas effettiv.

L-ispejjez kif mitluba ghandhom jithallsu kollha mill-konvenuta.

**Dr. Claudio Żammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur